MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 782/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**v**

**Ryan Abdilla ta' 19-il sena**
**bin Joseph Lewis u Maria Assunta**
**nee Ellul imwieled Pieta' fl-1 ta' Novembru, 1986**
**u li joqghod Nru. 1, Triq l-Imsiebah, Mosta**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru**
**497986 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ryan Abdilla li gie akkuzat talli fil-15 ta' Settembru, 2005 ghall-habta ta'

00.30 a.m. fi Triq Guzeppi Hyzler, Mosta bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ parts ta’ vettura tal-marka Ford Escort MK IV, wera dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie ezegwit kien ikun reat ta’ serq aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a fol 9.

Rat il-kunsens tal-imputat ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Ikkonsidrat

Illi l-persuna allegatament derubata u cioe Joseph Grech donnha mix-xhieda taggha ma riditx u ma tridx li dan il-guvnott jidhol go xi problemi. Fil-fatt Grech in kontradizzjoni ta’ dak li hija t-teorija tal-pulizija, kien insistenti illi l-vettura mhux kienet ghall-iscrap pero’ kienet fil-hin li tmesset mill-akkuzat gia skrappjata. Ghalhekk il-Qorti bilfors ikollha taghti ragun lill-Avukat Difensur li hawn manka l-element necessarju ghas-serq, li ttiehdet jew kien hemm attentat li jittiehed oggett propjeta’ ta’ terz bla permess ta’ terz. Isegwi r-raguni li dak li hu mormi ma jistax jinsteraq.

Ghaldaqstant Ryan Abdilla qed jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------